



Indirizzar tar-reċessjoni: Inizjattivi pubbliċi relatati mal-impjieg i fl-Istati Membri tal-UE u fin-Norveġja

Sinteżi

Introduzzjoni

TL-ekonomija Ewropea qiegħda tħabbat wiċċha mal-isfida ta' kriċi ekonomika li, globalment, qiegħda titqies bħala l-iktar reċessjoni profonda u mifruxa sa minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija. Bi tweġiba għal dan, I-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Istati Membri individwali, introduċew u/jew adattaw firxa wiesgħa ta' strumenti pubbliċi sabiex jappoġġjaw l-ekonomija u s-suq tax-xogħol.

Dan ir-rapport, imwettaq mill-Monitor tar-Ristrutturazzjoni Ewropea (ERM), jipprovdha ġarsa ġenerali sistematika lejn l-inizjattivi pubbliċi li qiegħdin jitwettqu sabiex tiġi indirizzata r-reċessjoni attwali jew li huma ppjanati fl-Istati Membri tal-UE u fin-Norveġja, f'April-Meju 2009. Huwa bbażat fuq il-kontribuzzjonijiet tan-netwerk ta' korrispondenti tiegħu u fuq riċerka interna. Jiġu kkunsidrati biss dawk l-istumenti li jiffukaw fuq iż-żamma jew il-ħolqien ta' impjieg u/jew fuq l-ghotxi ta' appoġġ għad-dħul għall-forza tax-xogħol. L-għan huwa li jiġi enfasizzati l-aproċċi varji li qiegħdin jittieħdu fl-Istati Membri u fin-Norveġja, iktar milli jagħti lista eżawrjenti tal-inizjattivi kollha li ġew implementati.

Kuntest politiku

F'Novembru 2008, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew tagħha, li jimmira li jistabbilixxi kif 'azzjoni deċiżiva u kkoordinata tista' twieġeb għall-kriċi ekonomika'. Huwa u jintroduċi l-pjan, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, José Manuel Barroso, kiteb li kien kument jara li 'hekk kif il-gvernijiet nazzjonali jaħdmu sabiex jindirizzaw is-sitwazzjonijiet tagħħom stess, ġew ispirati mill-prinċipi komuni li sar qbil fuqhom għal azzjoni Ewropea'. L-analiżi ERM teżamina kemm il-firxa wiesgħa ta' miżuri meħudin mill-Istati Membri tal-UE kif ukoll l-elementi komuni li joħorġu.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri nedew 'pakkett antikriċi' komprensiv sabiex jindirizzaw ir-reċessjoni attwali, li

jinkludi strumenti u fondi varji sabiex ilaħħqu mal-problemi ekonomiċi, finanzjarji, soċjali u fl-impjieg inerenti fis-sitwazzjoni attwali. Madankollu, fl-Ewropa kollha, it-tip ta' approċċi prattiku implimentat għall-appoġġ ta' kumpaniji u individwi matul il-kriċi ekonomika jvarja. Qiegħed isir enfasi differenti fuq tipi speċifiċi ta' strumenti u gruppi fil-mira, u t-tip partikolari ta' miżuri li jindirizzaw l-istess linja ta' azzjoni jistgħu jkunu differenti minn xulxin.

Bl-istess mod, għalkemm huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li d-djalogu soċjali għandu rwol essenzjali fl-izgur ta' arranġamenti ġusti u inklußivi fil-qafas tar-reċessjoni, l-involviment tal-imsieħba soċjali mill-Ewropa kollha fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' miżuri għar-reċessjoni jvarja fir-rigward tal-livell u l-firxa tal-integrazzjoni tagħħom fit-tfassil politiku.

Sejbiet ewlenin

L-istumenti relatati mal-impjieg li jindirizzaw ir-reċessjoni fl-Istati Membri u fin-Norveġja mhux biss jgħinu biex jevitaw tkeċċiġiet tal-massa mix-xogħol, iżda wkoll inaqqsu kemm jista' jkun it-tkeċċiġiet u l-ispejjeż ta' reklutaġġ u reklutaġġ mill-ġdid għall-impriżi. Għaldaqstant, simultanjament itaffu l-impatti tas-suq tax-xogħol u soċjali tal-kriċi għall-forza tax-xogħol, jiffaċilitaw l-aġġustament fuq livell ta' kumpanija u jinkorporaw perspettiva fuq perjodu ta' żmien medju għal twil, inkluż investimenti fil-kapital uman u s-salvagħardja ta' kapaċitajiet speċifiċi għall-kumpanija.

L-iktar inizjattivi pubbliċi mifruxin jistgħu jiġi kklasseifikati b'mod wiesa' fi tliet grupp:

- miżuri sabiex jinżammu impjiegli li għandhom natura 'preventiva', jiġifieri li għandhom l-ġhan li jżommu nies fl-impieg billi, eżempju, jappoġġjaw impriżi jew jipprovdu appoġġ għad-dħul għal-ħaddiemha li jkunu aċċettaw tnaqqis fil-pagi biex jissalvagħwardjaw l-impjieg tagħħom;

- miżuri li joħolqu l-impjieg, ibbażati fuq strumenti li jippromwovu t-transizzjoni mill-qgħad għall-impieg – b'attenzjoni partikolari fuq kull individwu li qiegħed ifitdex xogħol;
- inizjattivi sabiex jappoġġjaw finanzjarjament lil individwi f'każijiet fejn jitkeċċew minħabba li ma jkunx hemm xogħol għalihom, u jaqgħu fil-kategorija ta' appoġġ għad-dħul għal persuni qiegħda u dawk li huma barra mis-suq tax-xogħol.

Eżempji ta' miżuri sabiex jinżammu l-impjiegji huma l-appoġġ ta' hiniżiet iqsar fuq ix-xogħol jew waqfien temporanju mix-xogħol, għajnuna għal attivitajiet ta' taħriġ tal-persunal, jew it-tnaqqis jew differment ta' spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi. Din il-kategorija tħalli wkoll l-appoġġ dirett u indirett għall-impriżi. Bosta Stati Membri adottaw jew introduċew inizjattivi fir-rigward ta' hiniżiet iqsar fuq ix-xogħol jew waqfien temporanju mix-xogħol, normalment b'xi livell ta' involviment ta' msieħba soċjali. Ħafna mill-istruimenti jkopru s-setturi kollha tal-aktivitā ekonomika, b'xi provvedimenti jiffokaw fuq industriji vulnerabbli. It-tip ta' ħaddiem eleġibbli għall-appoġġ finanzjarju fir-rigward ta' xogħol fuq perjodu ta' żmien qasir ivarja wkoll, bl-inklużjoni kultant ta' ħaddiem temporanji jew part-time. Għajnuna monetarja tista' tikkontribwixxi għal spejjeż ta' pagi u/jew ta' sigurtà soċjali. Barra minn provvedimenti ta' taħriġ oħraejn, xi pajjiżi jikkombinaw miżuri ta' taħriġ ma' appoġġ għal hiniżiet iqsar fuq ix-xogħol, li għandhom l-għan li jtejbu l-impjegabilità tal-ħaddiem. Madankollu, x'aktarx li t-taħriġ ta' dan tal-aħħar ikun għal perjodu qasir u għalhekk jista' jkun ta' effikaċċja limitata. Barra minn hekk, il-valur miżjud tal-investiment fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet jista' ma jkunx ċar għal min īħaddem jekk ma jkunx ċar jekk jew għal kemm żmien l-impjegati sejrin jibqgħu parti mill-forza tax-xogħol tiegħu.

Miżuri biex jinħolqu l-impjiegji jinkludu attivitajiet ta' korrispondenza bejn l-offerta u d-domanda ta' impjieg, incēntivi għall-kumpaniji sabiex jimpiegaw ħaddiem addizzjonali, taħriġ, għotnej għall-mobilità u appoġġ għal impjegar personali. Il-korrispondenza bejn l-offerta u d-domanda ta' impjiegji tħalli t-tfittxija b'mod attiv għal postijiet ta' xogħol battala u t-tqabbil tagħhom ma' kandidati xierqa, il-konsulenzo lil dawk li jkunu qiegħdin ifitħu xogħol u t-tħejjija tagħhom għall-applikazzjoni tagħihom għax-xogħol. Xi pajjiżi jenfasizzaw għoti ta' servizz personalizzat u ġerti gruppi jew setturi vulnerabbli jistgħu jitpoġġew fil-mira. Matul il-'kriżi tal-krediti' attwali, l-appoġġ finanzjarju –

f'termini ta' tnaqqis ta' spejjeż tax-xogħol li mhumiex pagi, l-offerta ta' sussidji fuq il-pagi jew l-iffaċċilitar tal-aċċess għall-finanzi – huma incēntivi importanti sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien tax-xogħol, l-impjegar personali jew il-ftuħ ta' impriżi ġodda.

Miżuri ta' appoġġ għad-dħul jirreferu prinċipalment għall-emendar tar-regolamenti dwar beneficiċċi tal-qgħad, ġeneralment f'termini ta' eliġibbiltà, l-ammont u t-tul ta' żmien tal-intitolament. Xi gvernijiet offrew ukoll l-għajjnuna lejn il-ħlasijiet ta' self mill-banek.

Indikaturi politiċi

- L-appoġġ pubbliku fiż-żamma u fil-ħolqien tal-impjiegji għandu jiġi sostn anki meta jitjiebu l-indikaturi ekonomiċi.
- Huwa importanti li jiġu enfasizzati politiki favur it-tkabbir sabiex jinżammu u jinħolqu l-impjieg, bħall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, l-investiment u l-aċċess għall-finanzi.
- Ir-ristrutturar tal-banek għandu jiġi implementat b'rittlu aktar mgħażżeġ.
- L-appoġġ għall-impjiegji għandu jkun wieħed temporanju, japplika għall-ekonomija inġenerali u jiffoka fuq iż-żamma ta' ħaddiem fl-impjieg, iktar milli fuq it-tkeċċijiet minħabba nuqqas ta' xogħol u taħriġ mill-ġdid.
- Il-gvernijiet għandhom isaħħu l-miżuri ta' żamma tad-dħul għal persuni qiegħda, bħal beneficiċċi kontra l-qgħad, għajnuna soċjali u pensjonijiet.
- L-appoġġ għal kumpaniji kbar fl-industriji tradizzjonali għandu jkun kundizzjonali fuq ir-ristrutturar.
- Pakketti komprensivi kontra l-kriżi huma ppreferuti fir-rigward ta' strumenti iż-żolli li jiffukaw biss fuq it-theġġi tat-tkabbir ekonomiku jew is-suq tax-xogħol.
- Kooperazzjoni tajba hija importanti fost partijiet interessati nazzjonali, kif ukoll bħala approċċ ikkoordinat fl-Ewropa kollha.

Further information

The report *Tackling the recession: Employment-related public initiatives in the EU Member States and Norway* is available online at:
<http://www.eurofound.europa.eu/emcc/erm/studies/tn0907020s/index.htm>

Irene Mandl, Research Manager (with Lidia Salvatore)
ima@eurofound.europa.eu